B 2653

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,362, 17 ta' Diċembru, 2024

Taqsima B

A.L. 353 tal-2024

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Żmien ta' Taxxa), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 406.02.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar; u

(b) jintroduċu titjib tekniku għad-dispożizzjonijiet eżistenti li jinsabu f'dawn ir-regolamenti.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Żmien ta' taxxa ta' tnax (12)-il xahar.

3. Persuna reġistrata taħt l-Att li l-fatturat tagħha, kif imfisser għall-fini tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att, ma jaqbiżx it-Threshold Domestiku mfisser fl-imsemmija Skeda għandha, kemm-il darba l-Kummissarju ma jiddeċidix mod ieħor, tiġi assenjata perjodu ta' taxxa ta' tnax (12)-il xahar:

Iżda l-Kummissarju jista', meta jidhirlu meħtieġ għall-fini tas-simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att, jalloka perjodu ta' taxxa lil persuna ta' tnax (12)-il xahar li jibda fl-ewwel (1) jum ta' xahar kalendarju, kif jista' jiġi speċifikat mill-Kummissarju.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, il-Kummissarju jista', sabiex jiżgura l-ġbir korrett u regolari tat-taxxa, jew għall-fini tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, jalloka perjodu ta' taxxa lil persuna ta' xahar (1) li jibda fl-ewwel (1) jum ta' xahar kalendarju u jispiċċa fl-aħħar jum ta' dak l-istess xahar kalendarju.".